Stqarrija għall-Istampa tal-FRA
Vjenna/Brussell, 28 ta’ Novembru 2018

# Li tkun persuna sewda fl-UE spiss ifisser razziżmu, akkomodazzjoni fqira u xogħlijiet ħżiena

**Persuni suwed fl-UE jiffaċċjaw diffikultajiet inaċċettabbli anki sempliċiment biex isibu x'imkien fejn joqogħdu jew biex jiksbu xogħol deċenti minħabba l-kulur tal-ġilda tagħhom, skont sejbiet minn stħarriġ ripetut maġġuri mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-fastidju razzista jibqa' wkoll xi ħaġa komuni ħafna.**

“Fis-seklu 21, ma hemm ebda skuża għal diskriminazzjoni razzjali. Madankollu, il-persuni suwed fl-UE llum xorta għadhom vittmi ta' livelli ta' diskriminazzjoni u fastidju mifruxin u mhux aċċettabbli sempliċiment minħabba l-kulur tal-ġilda tagħhom," qal id-Direttur tal-FRA Michael O’Flaherty. “Irridu neqirdu din il-ħaġa darba għal dejjem. Għal dan, l-Istati Membri għandhom bżonn ta' politiki u liġijiet effettivi u mmirati biex jiżguraw li persuni suwed ikunu inklużi b'mod sħiħ fis-soċjetà tagħna."

Ir-rapport Li Tkun Persuna Sewda fl-UE jikxef il-bosta sfidi li jiffaċċjaw nies suwed.

Ejja nieħdu l-fastidju razzjali: 30% ta' dawn li wieġbu jgħidu li ġew iffastidjati razzjalment tul dawn l-aħħar ħames snin, 5% ġew attakkati fiżikament. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi akbar biex jappoġġjaw lill-vittmi tar-razziżmu u sabiex iħarrku b'mod xieraq lil min ikun wettaq ir-reat.

Id-diskriminazzjoni razzjali tibqa' wkoll xi ħaġa problematika. Madwar kwart tal-persuni suwed esperjenzaw diskriminazzjoni razzjali fuq ix-xogħol jew meta kienu qed ifittxu xogħol. Persuni suwed żgħażagħ huma speċjalment vulnerabbli, f'xi pajjiżi, sa 76% ma jaħdmux, la qegħdin jitgħallmu u lanqas qegħdin jagħmlu xi taħriġ meta mqabbel ma' 8% tal-popolazzjoni ġenerali. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw miżuri mmirati biex jegħlbu diskriminazzjoni bħal din. Dan seta' jinkludi diversi verifiki fuq il-post tax-xogħol u f'kampanji ta' reklutaġġ fis-settur pubbliku fost persuni suwed.

L-akkomodazzjoni hija kwistjoni oħra: 14% ta' dawk li wieġbu jgħidu li s-sidien ta' postijiet privati ma jikrulhomx akkomodazzjoni. Dan hija xi ħaġa li hija partikolarment problematika, minħabba li 15% biss huma s-sidien ta' proprjetà, meta mqabbel ma' 70% tal-popolazzjoni ġenerali tal-UE. Barra minn hekk, 45% jgħixu f'akkomodazzjoni b'wisq nies fiha meta mqabbel ma' 17% tal-popolazzjoni ġenerali, u dan jindika l-ħtieġa li l-Istati Membri jtejbu l-kwalità tal-akkomodazzjoni u li jeqirdu l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni.

Il-profiling diskriminatorju fil-waqfiet magħmulin mill-pulizija huwa wkoll kwistjoni: 24% ta' dawk li wieġbu twaqqfu mill-pulizija matul dawn l-aħħar ħames snin. Fost dawk imwaqqfa, 41% ħassew li l-waqfa kienet tikkostitwixxi profiling razzjali, u dan jimmina l-fiduċja fil-pulizija u r-relazzjonijiet tal-komunità. Biex jegħlbu dan, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw gwida prattika speċifika għall-uffiċjali tal-pulizija sabiex ikunu jistgħu jevitaw profiling illegali - Il-FRA sejra tippubblika gwida dwar kif għandu jiġi evitat il-profiling illegali fil-5 ta' Diċembru. Gwida fuq is-sorveljanza tal-Komunità min-naħa tal-pulizija tgħin ukoll.

Dan ir-rapport jeżamina l-esperjenzi ta' kważi 6,000 persuna sewda fi 12-il Stat Membru tal-UE bħala parti mit-Tieni stħarriġ dwar il-Minoranzi fl-UE u d-Diskriminazzjoni. Ġabar informazzjoni mingħand aktar minn 25,500 persuna bi sfond minoritarju immigrant jew etniku, inkluż Roma u Russi, fit-28 Stat Membru kollha tal-UE. Dan jibni fuq l-ewwel stħarriġ bħal dan tal-FRA, li sar fl-2008.

**Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil:** media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 642